# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Illum, it-Tnejn 4 ta' Gunju, 2018**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 712/18TA**

**Avv. Dr. Anthony Cremona (K.I 216973M) bhala mandatarju specjali ta' Matteo Volpi (Numru tal-passaport Taljan AA4002435)**

**vs**

**Betacorp International Limited (C-77773)**

**Provvediment**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' Matteo Volpi rapprezentat hawn Malta mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dr. Anthony Cremona prezentat fit-3 ta' Mejju 2018;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Mejju 2018;

Rat li r-Rikors imsemmi gie notifikat kif trid il-ligi lis-Socjeta` Intimata fid-9 ta' Mejju 2018 (ara fol 1179 tergo);

Rat ir-risposta tas-Socjeta' Intimata tat-23 ta' Mejju 2018;

Qieset il-provi imressqa mill-partijiet fil-kors tas-smiegh tar-rikors;

Semghet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

**Ikkunsidrat**

L-elementi mehtiega sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni huma principalment tnejn: Li *prima facie* jirrisulta li hemm dritt li jisthoqqlu li jkun imhares u li jekk ma jigix hekk imhares id-danni sofferti jkunu irrimedjabbli. Dawn huma zewg elementi kumulattivi u mhux alternattivi. Ghalhekk jekk jonqos xi element minnhom it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ma tistax tirnexxi. (ara digriet fl-atti tal-**mandat ta' inibizzjoni 794/2011/1 fl-ismijiet PF Steel Limited -vs- Tal-Herba Construction Ltd per Imhallef Mark Chetcuti tal-24 ta' Gunju 2011**).

Irid jinghad ukoll li kif insenjat il-**Qorti tal-Appell fis-Sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza Grech pro et noe vs Manfre`,** ir-rekwizit tal-jedd prima facie huwa oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant , jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn ai fini tal-mandat ta' inibizzjoni. Wiehed dejjem irid izomm quddiem ghajnejh li l-mandat ta` inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta` provvediment legali. Ghalhekk il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli. (Ara

provvediment tal-**Prim Awla tal-Qorti Civil per Imhallef Joseph Zammit Mckeon fl-ismijiet Dr. Christopher Zarb -vs- Anna Agius tat-22 ta' Gunju 2015, mandat numru 843/2015/1**).

Il-Qorti tinnota, li kemm f'dan il-mandat u kif ukoll fil-kawza dedotta, ir-Rikorrent jimmira u jikkoncentra, mhux wisq fuq l-aspett monitarju tal-pregudizzju li jista' jsoffri, izda principalment fil-konservazzjoni tal-assi li kienu jappartjenu lit-trusts deskritti fil-proceduri u r-rintegrazzjoni taghhom fl-imsemmija trusts, fl-eventwalita` ta' esitu favorevoli u allura rikostruzzjoni tal-istess. Di fatti, kuntrarjament ghat-talba sussidjarja maghmula minnu fil-Kawza fuq imsemmija, fil-proceduri li ghandha quddiemha din il-Qorti, ma hemm ebda tismija ghal xi kumpens monitarju.

Huwa minnu pero', li fl-azzjoni dedotta bl-imsemmija Kawza, wahda wahda mit-talbiet hija dik fejn qed jintalab il-Kumpens (ara talba 8.ii u 9). Izda minn naha l-ohra, it-talbiet primarji f'dik il-Kawza huma indirizzati lejn il-konservazzjoni u radd lura tal-beni li xi darba jew ohra kienu fit-trusts hawn taht imsemmija. Dan qieghed jinghad, inkwantu s-Socjeta' Intimata, fil-proceduri odjerni, qeghdha tilmenta, li galadarba hemm it-tismija ta' kumpens fil-kawza imsemmija, in-nullita` tal-att hija komminata mill-ligi ai termini tal-artiklu 832(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan kollu kien ikun minnu, kieku dak li qieghed ifittex ir-Rikorrent huwa *sic et simpliciter* danni monitarji. Izda kif inghad aktar 'l fuq, it-talbiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent imorru lil hinn minn hekk. **Qed ifittex ghall-konservazzjoni u radd lura ta' assi in specie.** Il-pretensjoni ghall-hlas ta' kumpens f'dik il-Kawza hija **sussidjarja**.

Il-hsieb wara l-artikolu 831(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hu, li tqieghed lill-intimat fil-posizzjoni li jehles lilu nnifsu, mill-effetti tal-mandat, billi jgib garanzija fl-ammonti pretizi mir-Rikorrent, u dan kif jippermetti l-artiklu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Izda fil-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, l-argumenti tas-Socjeta' Intimata f'dan ir-rigward ma jistghux ireggu. Li kieku din il-Qorti kellha taqbel mal-argumenti tas-Socjeta' Intimata ikun ifisser, li bid-depositu ta' garanzija jitnehhew l-effetti tal-mandat, bil-konsegwenza li l-utilita' tat-talbiet principali inkwantu huma mmirati ghall-konservazzjoni u radd lura tal-assi jistghu jigu ridotti fix-xejn .

Il-Qorti innotat ukoll, illi dan ir-rikors gie trattat mill-partijiet, kemm bis-sottomissjonijiet minnhom maghmula, kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll letteratura legali citata miz-zewg nahat, bhallikieku din il-Qorti hija adita sabiex tapprofondixxi u toghdos fil-mertu tal-pretensjonijiet u difizi maghmula. Il-Qorti tfakkar li dan l-aspett tal-pendenza bejn il-partijiet, diga` jinsab quddiem din il-Qorti, diversament preseduta, bir-rikors guramentat (ara fol 23) li bih giet appositament adita.

Ghalhekk, il-parti l-kbira mill-argumenti tas-Socjeta` Intimata, kwantu jirrigwarda punti bhal ma huma l-integrita` tal-gudizzju fil-Kawza presentata, x'inhuma l-effetti legali wara dak li gara bis-segregazzjoni tal-assi mit-trusts, liema ligi trid tigi applikata u interpretazzjoni dwar konvenzjonijiet ohra fl-atti kostituttivi tat-trusts inkwistjoni, dawn kollha jifformaw parti mill-materja li trid tikkonsidra u tiddeciedi dwarhom dik il-Qorti hekk adita. Din il-Qorti ma tistax tiddetermina b'mod derimenti kwistjonijiet fil-mertu, anke jekk kif dejjem inghad minn dawn il-Qrati, li l-akkoljiment jew cahda ta' dawn il-mandati mhux suppost ghandhom jirriflettu fuq il-mertu li jrid ikun deciz minn Qorti ohra li trid tiddeciedi finalment. Kif qalet il-**Qorti Civili Prim Awla fis-Sentenza taghha tas-27 ta' Novembru 2014 fl-ismijiet Josephine Camilleri pro et -vs- Giuseppe sive Joseph Camilleri,** li ma hux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiz jistax ikollu ezitu favorevoli fl-azzjoni fuq il-mertu, izda biss jekk il-jedd vantat jikkwalifikax bhala tali ghall-finijiet oggettivi tal-ligi.

Kemm-il darba gie ritenut minn dawn il-Qrati, li dawn ix-xorta ta' proceduri ma humiex mahsuba ghal dan l-iskop. Dawn ix-xorta ta' mandati, jigu presentati fi stadju meta l-pretensjoni ta' dritt, u din il-Qorti zzid anke d-difizi, ghad iridu jkunu accertati u indagati minn Qorti ohra adita ghal dak l-iskop kif fuq inghad. Ghalhekk, huwa odjuz hafna, li f'dawn ix-xorta ta' proceduri jsiru dikjarazzjonijiet fulminanti dwar il-

mertu, biex b'hekk iservu ta' munizzjon legali ghal quddiem dik il-Qorti, li ghad trid tapprofondixxi l-argumenti u finalment taghti d-Decizjoni taghha.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dan it-taghlim u l-ermenawtika gurisprudenzjali ohra dwar x'inhuma r-rekwiziti necessarja ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni , l-Qorti ser taghmel is-segwenti osservazzjonjiet fattwali dwar il-kaz mertu ta' dan ir-rikors:

1. Illi s-Socjeta` Intimata hija kostitwita u registrata taht il-ligi Maltija fl-24 ta' Ottubru 2016. Il-proceduri li ghandha quddiemha din il-Qorti huma unikament indirizzati lejn din is-Socjeta`.

2. Illi r-Rikorrent kien wiehed mill-beneficcjarji tat-trusts imsemmija fir-Rikors.

3. Illi Gabriele Volpi, sas-26 ta' Lulju 2017, kien l-uniku socju tas-Socjeta` Intimata sakemm trasferixxa l-ishma kollha tieghu f'din is-Socjeta lil The Sera Foundation, li taghha huwa l-fundatur.

4. Illi dan huwa l-istess Gabriele Volpi, li mhux biss kien is-settlor tat-trusts imsemmija fir-rikors odjern, izda li bis-sahha tal-'letter of wishes tieghu' (ara minn a` fol 98 sa 112 ) gew segregati assi mit-tlett trusts bl-isem 'The Winter Trust', 'The Summer Trust' u 'The Spring Trust', li lkoll kemm huma skont l-atti ta' kostituzzjoni

taghhom gew desinjati bhal "irrevocabile" (ara Dok BC1 a` fol 1203, Dok BC2 a` fol 1209 u Dok BC3 a` fol 1215 ).

5. Illi tul dawn il-proceduri, is-Socjeta` Intimata f'ebda hin ma cahdet, l-anqas implicitament, li ma tafx bl-assi mertu ta' dawn il-proceduri jew li llum ma ghandhiex assi, li qabel ma gew segregati kif fuq spjegat, kienu fit-trusts fuq imsemmija. Di piu', certu Juan Pablo Fabrega Pollari, f'dokument esebit f'arbitragg li qed isir il-Bahamas jispjega kif ghall-habta tal-14 ta' Dicembru 2016, l-ishma tas-Socjeta` Ansbury Ltd, wahda mill-assi imsemmija, gew trasferiti minn Gabriele Volpi lis-Socjeta` Intimata, igifieri sitt(6) gimghat wara li din giet iffurmata (ara a` fol 118).

6. Illi tispikka l-assenza totali ta' interventi ta' Gabriele Volpi u l-unika direttrici tas-Socjeta` Intimata f'dawn il-proceduri. Tnejn minn nies, li setghu jitfghu dawl fuq l-allegazzjonijiet maghmula mir-Rikorrent. Dan qieghed jinghad mhux ghaliex kien hemm xi obbligu fuqhom fil-ligi biex jaghmlu dan. Izda bhal kull cirkostanza ohra f'din il-kawza, l-aspetti fattwali li jemergu mill-process, huma soggetti ghall-evalwazzjoni u apprezzament ta' provi anke ai fini ta' dan il-mandat. Il-grad ta' prova mehtieg f'dawn il-proceduri, emfatikament ai fini tal-proceduri odjerni, jibqghu dejjem dawk applikabbli b'mod generali fil-kamp civili. Dan ifisser, li sabiex din il-Qorti tasal sal-grad ta' prova li trid issegwi biex tkun tista' tasal

ghall-konkluzjonijiet taghha, jibqa' dejjem dak tal-bilanc tal-probabbiltajiet u preponderanza tal-provi f'kaz ta' versjonijiet li jkunu kontrastanti jew differenti. (Ara **Sentenza tal-Prim Awla per Imhellef Tonio Mallia tat-30 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet Bugeja vs Meilak u dik tal-istess Qorti fl-ismijiet Farrugia vs Farrugia, tal-24 ta' Novembru, 1966)**.

7. Illi fil-*letter of Wishes* ta' Gabriele Volpi, bhala raguni ghat-talbiet tieghu imsemmija f'dawk id-dokumenti, filwaqt li jghid li huwa beneficcjarju ikompli jispjega *"....since my family and I, as beneficiaries entitled to the trust property have no interest in the use of the trust instrument* " (supra referenza ghad-dokumenti). Ma jirrizultax li dan qatt b'xi mod ikkonsulta mar-Rikorrent galadarba din id-dikjarazzjoni ghamilha fir-rigward ta' kull wiehed mill-beneficcjarji tat-trusts. Anzi ir-Rikorrent jikkontendi bil-kuntrarju tul il-proceduri. Di piu`, mid-dokument ta' distribuzzjoni tat-Trustee jirrizulta li dan kien qieghed isir "*... … in order to negotiate the reorganisation of the underlying companies with the banking sector."* (supra referenza dokumenti ). Fi fit kliem, mhux l-istess raguni imsemmija minn Gabriele Volpi fil-*letters of wishes* tieghu fuq indikati.

8. Tul is-smiegh tar-rikors is-Socjeta` Intimata b'mod konspikwu hadet wisq interess f'dak li ghamel Gabriele Volpi fil-kaz tat-tlett trusts fuq imsemmija meta hi mhux suppost kellha x'taqsam ma' dak li gara.

Il-Qorti semghet akkuratament it-trattazzjoni li ghamlu l-Avukati tal-partijiet u ma tistax ma tfahharx il-mod preparat li hejjew lilhom infushom ghas-smiegh ta' dan ir-rikors. B'dana kollu, meta din il-Qorti ezaminat il-provi u l-atti kollha tar-rikors, ic-cirkostanzi kollha tal-affari, inkluz il-mod opak tal-mezzi u vejikoli korporattivi utilizzati u kif ukoll il-kwalita` tal-provi, ai fini ta' dan ir-rikors, ma setghetx ma zzommx distinzjoni netta bejn l-assi, li xi darba kienu parti mit-trusts li jirreferu ghalihom l-atti u l-imsemmija trusts per se'.

Jidher li dawn it-trusts gew terminati, izda anke jekk ma humiex, illum mad-daqqa t'ghajn jidher li gew denudati mill-assi li kellhom. Bhala fatt, il-beneficjarji ta' dawk it-trusts, jista' jkun li kellhom l-interessi taghhom pregudikati b'dak li gara. Il-punt dwar jekk ghandhomx ikunu applikati l-principji taht Kap 331 tal-Ligijiet ta' Malta jew jekk is-Socjeta' Intimata ghandhiex titqies bhala 'constructive trustee' taht diversi ligijiet li saru referenza jew japplikax ghaliha l-artiklu 1124A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa ezami li jrid isir aktar fil-fond mhux minn din il-Qorti. Din il-Qorti hadet konjizzjoni ta' dawn l-argumenti limitatament biex tifhem x'inhuma l-principji legali involuti fid-disputa fl-approfondiment taghha

bejn il-partijiet u biex ghalhekk tasal ghal konkluzjoni jekk hemmx prima facie jedd tar-rikorrent li ghandu jkun imhares.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti wara li qieset il-fattispecie tal-kaz kollu u l-principji legali involuti, thoss li jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-artiklu 873(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex it-talbiet tar-Rikorrent ikunu milqugha pero' bil-modifika hawn taht indikata.

Is-Socjeta` Intimata ghandha ragun meta tghid li sa fejn jirrigwarda s-Socjeta` Everton Company Ltd, din ma ghandhiex tkun kolpita mill-effetti ta' dawn il-proceduri. Ghalkemm din tissemma' fir-rikors promotur f’paragrafu **ix** tal-lista tal-assi tas-Summer Trust (a` fol 2) mid-*Deed of Distribution* tas-6 ta' Ottubru 2016 u d-dokument anness mieghu (ara a` fol 109 u 1100), is-Socjeta` Everton Company Ltd ma tidhirx li kienet wahda minn dawk li giet assenjata lil Gabriele Volpi.

Din il-Qorti thoss ukoll, li ma ghandhiex tilqa’ *a` la* raffica u b’ghamad dik il-parti tat-talba fir-rikors, fejn qed jintalab li apparti l-assi imsemmija fir-Rikors, din l-inibizzjoni ghandha ukoll tikkolpixxi kwalunkwe assi ohra li mhux imsemmija u elenkati specifikament mir-Rikorrent. Il-Qorti thoss li din il-parti tat-talbiet ma ghandhiex mis-sewwa.

Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha **tilqa' it-talbiet** tar-Rikorrent kif mitluba fir-rikors tieghu tat-3 ta' Mejju 2018 u tordna ghalhekk il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni opportun kontra s-Socjeta` Intimata **biex ma taghmilx** il-

hwejjeg li qedghin jintalbu li ma jsirux minnha mir-Rikorrent. B'dana, li l-effetti ta' dan il-mandat **ma ghandhomx jikkolpixxu** lis-Socjeta` Intimata sa fejn jirrigwarda s-**Socjeta` Everton Company Ltd** u jikkolpixxu biss u **xejn aktar**, is-**Socjetajiet u l-ishma taghhom, rispettivament indikati f'dawn id-Dokumenti u cioe':**

(1) **dawk li jinsabu a` fol 108 mad-*Deed of Distribution* ta' *The Winter Trust* tas-6 ta' Ottubru 2016;**

(2) **dawk li jinsabu a` fol 110 mad-*Deed of Distribution* ta' *The Summer Trust* tas-6 ta' Ottubru 2016; u**

(3) **dawk li jinsabu a` fol 112 mad-*Deed of Distribution* ta' *The Spring Trust* tas-6 ta' Ottubru 2016.**

Is-socjetajiet kollha fuq imsemmija bl-interessi kollha li jista' jkollhom, kif indikati f'paragrafi a. , b. u c. tar-Rikors promotur u li jinsabu a` fol 1 sa 3 tal-process fl-atti ta' dan il-mandat.

Il-Qorti ghalhekk tikkonferma l-ordni taghha tat-3 ta' Mejju 2018 pero` bil-modifiki kif imsemmija fl-akkoljiment tat-talbiet rikorrenti u dan kif spjegat fil-paragrafu precedenti.

Spejjes tal-presenti jibqghu riservati mal-gudizzju finali fuq il-mertu mill-Qorti li giet adita biex tisma' l-Kawza.

**Moghti kameralment illum 4 ta’ Gunju, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**